***QATT KONT TAF?***

## L-Antifoni Maġġuri "O" mis-17 sat-23 ta' Diċembru

## L-Antifoni għall-Magnificat tat-Tieni Għasar u l-Versett tal-Hallelujah qabel l-Evanġelju

Il-liturġija tal-ġimgħa ta' qabel il-Milied u tal-festi kollha tat-Twelid ta' Ġesù joffrulna għall-kontemplazzjoni tagħna t-tema ta' Kristu Ġesù, id-dawl li jkeċċi d-dlamijiet. Biżżejjed wieħed jagħti każ tal-figuri tal-kwiekeb, tax-xemx, tal-qamar, tad-dija, tad-dawl fl-Innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, fil-Lawdi u l-Għasar.

Imma l-Liturġija, imsejsa fuq l-għejjun Bibliċi, tagħtina triq oħra lejn il-Messija Ġesù li wasal. Fil-Versett tal-Hallelujah qabel l-Evanġelju, u fit-talba tal-Għasar ukoll, fl-Antifoni "O" tal-Magnificat bejn 17 u t-23 ta' Diċembru, tissuġġerilna mixja oħra fl-evokazzjonijiet messjaniċi f'dawn l-Antifoni, li jinstabu msemmija diġà f'manuskritti tal-XI-il seklu W.K.. Dawn il-versetti tal-Evanġelju u l-Antifoni tal-Għasar kollha jibdew bl-esklamazzjoni "O". Infatti jekk nieħdu l-Antifoni msemmija bil-Latin, kif oriġinarjament inkitbu, insibu fihom akrostiku pedagoġiku mill-aktar suġġestiv.

**O Sapientia**
O Għerf
**17 ta' Diċ**

**O Adonai**
O Sid u Mexxej
**18 ta' Diċ**

**O Radix**
O Għerq ta' Ġesse
**19 ta' Diċ**

**O Clavis**
O Muftieħ
**20 ta' Diċ**

**O Oriens**
O Xemx tiegħla
**21 ta' Diċ**

**O Rex**
O Sultan
**22 ta' Diċ**

**O Emmanuel**
O Għimmanu-El
**23 ta' Diċ**

L-ewwel ittri tal-ewwel erbgħa evokazzjonijiet bil-Latin, moqrija bil-maqlub (mill-20 ta' Diċembru sas-17 ta' Diċembru), bejniethom jiffurmaw il-kelma bil-Latin *CRAS*, u l-ewwel ittri tal-aħħar tliet evokazzjonijiet jiffurmaw il-kelma *ERO*. Flimkien jiffurmaw il-frażi *CRAS* **ERO** – «għada nkun» jew «għada niġi».

L-24 ta' Diċembru (l-għada ta' meta titkanta l-aħħar Antifona "O") filgħaxija diġà nkunu dħalna fis-Solennità tal-Milied.

B'hekk b'din in-nisġa letterarja, il-versetti tal-Evanġelju u l-Antifoni tal-Għasar bejn is-17 u t-23 ta' Diċembru jmexxuna pass pass lejn il-jum meta Kristu, id-Dawl tad-dinja, jiġi fostna bħala bniedem fl-għar ta' Betlehem.

B'hekk, min jitlob l-Għasar f'dawn il-jiem, waqt li jkanta l-Antifoni, jersaq lejn it-Twelid ta' Ġesù jum b'jum, biex fl-aħħar tagħhom jesprimi l-misteru tal-Inkarnazzjoni: *«għada, f'Jum il-Milied, jien, l-Iben ta' Alla, niġi biex inkun bniedem bħalkom, Dawl tad-dinja».*

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL Ħ A L - S A F I

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## Mill-Wegħdi sar-Rigal "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lill-ibnu l-Waħdieni..." Ġw 3, 16

Bla dubju, matul dan ix-xahar, il-ħsieb tagħna bħala nsara jieqaf fuq l-akbar avveniment li niċċelebraw, kemm kulturalment, kemm soċjalment, u kemm spiritwalment: il-Milied – il-festa tal-preżenza ta' Alla li ġie fostna biex isalvana. Biss faċilment li t-twelid ta' Ġesù tassew nikkunsidrawh bħal fatt li seħħ imma nfallu milli nagħrfu l-effetti tiegħu fuq l-umanità ta' kull żmien. Inħarsu lejh imma nittrattawh biss bħala tifkira jew saħansitra ħrafa. Iżda fil-verità, il-miġja ta' Kristu la hi ħrafa u lanqas għandna nqisuha bħala ġrajja jew storja li niftakruha biss u li ma tistedinniex għal deċiżjonijiet qawwija f'ħajjitna.

***Mill-Wegħdi ta' Alla***

Matul dan ix-xahar il-Kelma ta' Alla li titħabbar fil-knejjes tagħna tlaqqagħna ma' diversi wegħdi li Alla ser jieħu inizjattiva u quddiem l-ħażin u l-iżbalji tal-bniedem ma jibqax sieket, imma jagħżel li jagħtina Salvatur. F'Alla li jwiegħed, u li jwiegħed kontinwament, nistgħu nindunaw li xi ħadd li jħobb verament, allavorja diversi drabi jiġi njurat, jibqa' m'għandux kwiet imma jara x'jivvinta biex jesprimi mħabbtu u juriha bl-aktar mod ċar. Fil-wegħdi ta' Alla nistgħu ninnutaw garanzija ta' tama u ta' ħajja li qed tbaqbaq, u li fl-aħħar mill-aħħar, l-inizjattiva li tagħti direzzjoni lil ħajjitna hi tiegħU.

***Sar-Rigal ta' Alla***

Fl-istess waqt, fil-fatti konkreti, fir-rigal li Alla ta lill-ħolqien kollu, Hu jistedinna biex fil-wiċċ taċ-ċkejken Ġesù nikkontemplaw lil wiċċu: li ma jurix lilu nnifsu bil-forza, bil-qawwa, imma fid-dgħufija u l-fraġilità ta' tarbija tat-twelid. Din it-tarbija turi l-fedeltà u t-tenerezza tal-imħabba bla qies li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna. Għalhekk nagħmlu festa fil-Milied u ngħixu l-istess esperjenza tar-rgħajja ta' Betlehem, u fi kliem il-Papa Franġisku: *"flimkien ma' tant missirijiet u ommijiet li kuljum jitħabtu u jħabbtu wiċċhom ma' tant sagrifiċċji; flimkien maż-żgħar, mal-morda, mal-fqar nagħmlu festa, għax hi l-festa tal-laqgħa t'Alla magħna f'Ġesù."*

***Ngħix ir-Rigal li Alla tani***

Imma bil-festi biss ma nagħmlu xejn ħlief nistrieħu jew nibdlu biss ir-ritmu tal-ħajja.

Ejjew ngħixu r-Rigal li Alla tana f'Ibnu! U Kif?

L-ewwelnett nistaqsi: X'qegħdin ifissru t-trabi u l-ulied fis-soċjetà tagħna:

Barka? Piż? Nuqqas ta' libertà?

Rabta u Responsabbiltà? Serħan tal-moħħ għax ser ikun hemm min jaħdem għalina u jdur bina? Tensjoni u tilwim?

Eventwalment inpoġġilkom mistoqsija oħra għar-riflessjoni tagħkom:

X'tip ta' trobbija u tfulija qed nipprovdu

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

lil dawn l-ulied?

X'inhuma l-valuri li qed jispiraw il-metodi ta' kif inrabbu u noffru protezzjoni lil dawn l-ulied?

B'tant sempliċità, u b'wisq aktar onestà, fid-dawl tat-twelid u t-tfulija ta' Ġesù, ejjew nitolbu lil Alla biex bħala Knisja, bħala parroċċa, u bħala nsara, nkunu awtentiċi u wara li nwieġbu dawn il-mistoqsijiet, nagħmlu għażliet konkreti biex il-valur tal-ħajja skont ir-rieda ta' Alla nippromovuh u nqegħduh bħala prijorità fil-mentalitajiet u fl-għixien tagħna. Jalla verament nindunaw li l-miġja ta' wild ġdid hu proġett serju u don wisq prezzjuż li Alla qed jafdana bih u li jitlob minna mpenn sħiħ biex ngħinuh jikber. Fi Kristu, ejjew nagħmlu kuraġġ, u f'Ġużeppi u Marija ejjew nagħrfu eżempji mill-isbaħ ta' kif dan id-don nistgħu nilqgħuh, napprezzawh, u ngħixuh.

***Il-Milied it-tajjeb u Sena ġdida b'kull barka mis-sema!***

***Dun David Farrugia***

***IEQAF u AĦSEB***

## "Tafu għalfejn Twelidt?" jistaqsina Alla



"Jien twelidt għeri," jgħidilna Alla,
"biex tkunu tafu tinżgħu minnkom innfuskom."

"Jien twelidt fqir
biex tkunu tistgħu tqisuni bħala l-unika ġid."

"Jien twelidt fi stalla
biex tkunu tistgħu tqaddsu kull ambjent."

"Jien twelidt dgħajjef," jgħidilna Alla,
biex ma jkollokomx għalfejn tibżgħu minni."

"Jien twelidt għall-imħabba
biex qatt ma tiddubitaw mill-imħabba tiegħi."

"Jien twelidt bil-lejl
biex temmnu li jien tassew nista' ndawwal kull realtà."

"Jien twelidt ippersegwitat
biex tagħrfu taċċettaw kull diffikultà."

"Jien twelidt fis-sempliċità
biex tieqfu milli tkunu ikkumplikati."

"Jien sirt bniedem
biex intom tkunu tistgħu issiru 'allat'."

"Jien twelidt fil-ħajja tagħkom
biex inkun nista' inwassalkom sad-dar tal-Missier."



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Amie Rapa



***Daħlu fil-Ħajja ta' dejjem***
Vinċenza Zammit
Pawlina Zammit





# Id-Djarju tal-Parroċċa – Diċembru 2014

**Il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru**
***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

**Il-Ħadd 7 ta' Diċembru**
***It-Tieni Ħadd tal-Avvent***

**It-Tnejn 8 ta' Diċembru**
***Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni***
Il-ħin tal-Quddies ikun bħal dak ta' matul il-ġimgħa.

**Il-Ħadd 14 ta' Diċembru**
***It-Tielet Ħadd tal-Avvent***
Fl-10:00am – Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.

**It-Tnejn 15 ta' Diċembru**
***Tibda n-Novena tal-Milied***
Matul in-Novena, r-Rużarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali.
F'dawn il-jiem inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet għal persuni fil-bżonn u istituti.

**Il-Ħamis 18 ta' Diċembru**
Fis-7:15pm – Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Is-Sibt 20 ta' Diċembru**
Fil-5:00pm – Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.

**Il-Ħadd 21 ta' Diċembru**
***Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent***
Fit-8:15am – Il-Quddiesa tkun bit-tberik tal-Bambini.
Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.
*Fis-6:30pm – Kunċert tal-Milied mill-Kor 'Sine Macula' u l-Kor 'Kreattiv' fil-Knisja Parrokkjali.*

**L-Erbgħa 24 ta' Diċembru**
***Lejliet il-Milied***
Fil-5:00pm – Qrar
Fis-6:00pm – Tibda il-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM, li tgħaddi minn diversi toroq tar-raħal tagħna.
Fis-6:30pm – Quddiesa tal-Vġili tal-Milied
Fil-11:00pm – Pageant, Kant tal-Milied.
Fil-11:45pm – Purċissjoni bix-xbieha ta' **Ġesù Bambin** li titqiegħed fuq l-altar għall-qima tagħna, u Priedka tat-Tifel.
F'12:00am – Quddiesa Solenni tal-Lejl tal-Milied.

**Il-Ħamis 25 ta' Diċembru**
***Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu***
Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd.

**Il-Ħadd 28 ta' Diċembru**
***Festa tas-Sagra Familja***
Fl-10:00am – Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Familja u l-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.

**L-Erbgħa 31 ta' Diċembru**
***L-Aħħar tas-Sena***
Fis-6:00pm – Rużarju
Fis-6:30pm – Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' din is-sena ċivili, 2014, u tintemm bil-barka Sagramentali.
Il-Ġabra tkun għad-Dar tal-Providenza.